MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-8 ta' April, 2011

Numru. 422/2006

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Ramon Mercieca)**
**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**WM**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat WM gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Fit-8 ta' Frar 2006 ghall-habta tas-6.00pm, waqt li kien f'dawn il-gzejjer u cioe' gewwa l-Forensic Unit li tinsab l-Isptar Monte Carmeli Attard u li taghmel parti mill-Facilita Korrettiva ta' Kordin meta kien jaf li kellu, jew li kien afflitt

b’xi marda jew kondizzjoni li qeghda specifikata skond l-Att Legali 137 tas-sena 2005, b’xi mod xjentement trassmetta, ikkomunika jew ghadda dik il-marda jew kondizzjoni lil xi persuna ohra li ma tkunx marida jew afflitta biha;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqies vjolenza pubblika, kontra persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe’ kontra C.O. 52 Patrick Xuereb waqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ingurja, jew hedded persuni ta’ uhud inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghahhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dan is-servizz u cioe fuq il-persuna ta C.O. 52 Patrick Xuereb;

4. U fl-ahhar nett talli WM irrenda ruhu recediv b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija minbarra l-piena applikabbli skond il-ligi, tapplika l-provedimenti taht l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta’ C.O. 52 Patrick Xuereb;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 17 t’Ottubru 2007 (esebita a fol. 124 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikolu 244A tal-Kodici Kriminali;
(b) fl-artikolu 95(1) tal-Kodici Kriminali;
(c) fl-artikolu 96(a) tal-Kodici Kriminali;
(d) fl-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali;
(e) fl-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali;
(f) fl-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kodici Kriminali;

Rat li waqt l-udjenza tat-22 t'April 2010, l-imputat WM ddikjara li hu m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw incident li nqala' fil-Forensic Unit tal-Isptar Monte Carmeli fit-8 ta' Frar 2006 ghall-habta tas-6.00pm bejn l-imputat li kien mizmum fl-imsemmi Forensic Unit u l-Correctional Officer 52 Patrick Xuereb. Dan tal-ahhar xehed fil-proceduri odjerni waqt l-udjenza tad-19 t'Ottubru 2006 fejn spjega li fil-gurnata u hin in dizamina l-imputat ircieva telefonata minghand it-tfajla tieghu u wara li l-istess imputat kien ilu fuq it-telephone aktar minn hames minuti huwa qallu sabiex jaqta' ghaliex kien hemm prigunieri ohra li kellhom il-Qorti l-ghada u li riedu jcemplu lill-avukati rispettivi taghhom. Il-Correctional Officer sostna li l-imputat qallu sabiex ma jergghax jghidlu sabiex jaqta' u f'dan l-istadju inqala' battibekk bejniethom ghaliex l-imputat qallu li kien ser iwaddablu t-telephone set u mbaghad mar ghalih. Il-Correctional Officer Patrick Xuereb jghid li huwa ma qadx lura u huma spiccaw fic-cella numru 8 fejn huwa spicca sabiex zelaq fis-sodda u l-imputat gie fuqu u gidimlu saqajh il-leminijia. Dan ix-xhud esebixxa xi certifikati[1] li gew rilaxxjati wara li huwa gie ezaminat min-nurses u t-tobba fl-Isptar Monte Carmeli u fejn il-griehi minnu sofferti gew klassifikati bhala 'slight save complications' u spjega ulterjorment li sarulu xi testijiet u qal li ghalkemm huwa ghandu tebgha f'saqajh ma jidhirx li ghandu xi mard iehor bhala konsegwenza ta' dak li gara fl-incident de quo. L-istess xhud spjega wkoll li wara l-incident sar jaf li dakinhar l-imputat kien inghata sentenza ta' habs. PC682 Michael Cutajar li wkoll xehed waqt l-udjenza tad-19 t'Ottubru 2006 u li kien xoghol ma' CO 52 Patrick Xuereb

[1] Inseriti a fol. 56 u 57 tal-atti processwali.

dakinhar tal-incident ikkonferma in toto l-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-istess Patrick Xuereb.

Mir-rapport tal-espert mediku Dr. Philip Carabott nominat minn din il-Qorti permezz ta' digriet tad-19 t'Ottubru 2006 [2] jirrizulta li saru t-testijiet kollha necessarji sabiex jigi stabbilit jekk l-imputat li kellu l-marda Hepatitis C kien ittrasmetta l-istess marda lil CO 52 meta gidmu u dawn it-testijiet irrizultaw kollha fin-negattiv. Dr. Carabott li xehed waqt l-udjenza tal-14 ta' Gunju 2007 filwaqt li rega' kkonferma l-kontenut tar-rapport tieghu qal testwalment hekk *'Huwa difficli, anzi nghid kwazi mpossibbli li Hepatitis C tittiehed permezz ta' gidma fejn ma jkunx hemm qtugh ta' laham, irid ikun hemm il-mixela tad-demm, fis-sens li jithallat id-demm ta' min jigdem u ta' min ikun ingidem sabiex tkun tista' tittiehed".*

Mix-xhieda ta' Dr. Joseph Tonna[3] u mid-dokumenti minnu esebiti kif ukoll mix-xhieda ta' Dr. Matthew Mifsud[4] jirrizulta li mit-testijiet li saru lill-imputat meta huwa dahal fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin kien jidher li l-imputat kellu l-virus tal-Hepatitis C.

Ikkunsidrat:

Illi fil-11 ta' Frar 2006 l-imputat irrilaxxja stqarrija[5] fejn qal li fil-gurnata in dizamina waqt li kien fic-cella tieghu gie infurmat li kellu telefonata urgenti u meta huwa nhareg mic-cella sabiex jiehu t-telefonata u malli rrisponda l-istess telefonata CO 52 Patrick Xuereb qallu b'ton hazin sabiex jaqta' u meta huwa rrisponda li ma kienx ser jaqta' dan resaq lejh b'idejh miftuhin. L-imputat qal li huwa obda l-ordni moghtija lilu mill-ufficjal l-iehor PC682 Michael Cutajar u mar fic-cella u waqt li kien qed jitkellem ma' dan tal-ahhar fic-cella dahal CO 52 li beda' jkellmu hazin u meta huwa rrisponda lura dan insulentalu lil ommu u huma ghalhekk gew fl-idejn u ma jafx aktar x'gara. L-imputat ghazel illi jixhed f'dawn il-proceduri fejn

---

[2] Rapport inserit a fol. 63 tal-atti processwali.
[3] Traskrizzjoni tax-xhieda relativa inserita a fol. 91 u 92 tal-atti processwali.
[4] Traskrizzjoni tax-xhieda relattiva inserita a fol. 100 u 101 tal-atti processwali.
[5] Inserita a fol. 51 u 52 tal-atti processwali.

ikkonferma li rcieva telefonata wara l-hin tal-gheluq, u cioe' wara s-6.00pm fejn gie nfurmat mit-tfajla tieghu li ibnu tat-twelid kien ittiehed l-isptar u kien qed jinghata l-ossigonu u waqt li huwa kien fuq it-telephone pjuttost agitat CO 52 qallu ghal aktar minn darba sabiex jaqta'. L-imputat jghid li meta huwa talab lil CO 52 sabiex jaghtih aktar cans jitkellem dan beda' joffendih u meta huwa offendih lura dan resaq lejh sabiex jerfa' idejh u huma gew fl-idejn. L-imputat jghid li jista' jkun li gidem saqajn CO 52 izda ma jistghax jghid fic-cert. Huwa qal ukoll li dakinhar kien agitat ghaliex kien inghata sentenza ta' prigunerija u spjega li sussegwentement huwa u CO 52 kienu ccaraw l-affarijiet bejniethom.

Ikkunsidrat:

Illi fin-nota tieghu tas-16 t'Ottubru tal-2007 l-Avukat Generali ndika li tista' tinstab htija jew htijiet fil-konfronti tal-imputat taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli 244A, 95(1) u 96(a), 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.

L-Artikolu 244A tal-Kodici Kriminali jipprovdi s-segwenti:-
*"(1) Kull min, meta jkun jaf li jkollu, jew li jkun afflitt b'xi marda jew kondizzjoni li tista' tigi specifikata skond is-subartikolu*
*(3), b'xi mod xjentement jittrasmetti, jikkomunika jew jgħaddi dik il-marda jew kondizzjoni lil xi persuna oħra li ma tkunx marida jew afflitta biha jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' prigunerija għal zmien ta' minn erba' snin sa disa' snin:*

*Izda jekk il-persuna l-oħra tmut bħala rizultat ta' dik il-marda jew kondizzjoni, il-ħati jeħel il-piena stabbilita fl-artikolu 211(1).*

*(2) Meta dik il-marda jew kondizzjoni kif imsemmija fis-subartikolu (1) tigi trasmessa, ikkomunikata jew mgħoddija b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' tħaris ta' xi regolament mill-persuna li kienet li kien imissha tkun taf li tkun marida jew li tkun afflitta b'dik il-marda jew kondizzjoni, dik il-persuna teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' prigunerija għal zmien ta' mhux izjed*

*minn sitt xhur jew multa ta' mhux izjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin centezmu (2,329.37):*

*Izda jekk il-persuna l-oħra tmut bħala rizultat ta' dik il-marda jew kondizzjoni, il-ħati jeħel il-pieni stabbiliti fl-artikolu 225.*

*(3) Il-Ministru responsabbli għall-gustizzja għandu, b'avviz fil-Gazzetta, jispecifika l-mard jew kondizzjonijiet li għalihom japplika dan l-artikolu".*

Illi fil-kaz odjern il-Qorti jidrilha li filwaqt li mill-provi rrizulta li fiz-zmien tal-incident mertu tal-kawza l-imputat kien afflitt mill-virus tal-Hepatitis C u li huwa kien jaf li kien hekk afflitt, irrizulta wkoll b'mod kategoriku li din il-marda ma gietx trasmessa lil CO 52 Patrick Xuereb, skond kif indikat mill-espert mediku mahtur min din il-Qorti u inoltre rrizulta wkoll li kien ferm difficli li l-marda tal-Hepatitis C tigi trasmessa permezz ta' gidma ghaliex sabiex din il-marda tigi trasmessa irid ikun hemm tahlit tad-demm ta' min jigdem ma' ta' min jigi migdum. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li din l-imputazzjoni bl-ebda sforz tal-imaginazzjoni ma' jista' jinghad li tirrizulta pruvata lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Ikkunsidrat:

Illi in kwantu jirrigwarda l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba fil-konfronti tal-imputat l-Qorti jidrilha li dawn jirrizultaw pruvati sal-grad rikjest mill-ligi stante li kemm mix-xhieda ta' CO52 kif ukoll mix-xhieda ta' PC682 Michael Cutajar jirrizulta li l-imputat attakka lil CO 52 li kien qed jesegwixxi xogholu bhala Correctional Officer fil-Forensic Unit fejn talab lill-imputat sabiex ma jibqghax fuq it-telphone ghaliex it-telefonata kienet qed issir wara l-hin u anki ghaliex kien hemm xi priguniera ohra li kellhom bzonn juzaw it-telephone b'mod urgenti u l-imputat l-ewwel offenda u mbaghad agredixxa lill-imsemmi correctional officer. Il-Qorti tifhem li l-imputat seta' kien agitat minhabba dak li kien gralu dakinhar u minhabba dak li

kien inghadlu fuq it-telephone izda jidrilha li l-agir tal-imputat fil-konfronti tal-ufficjal pubbliku m'huwiex skuzabbli. CO 52 kien qed jaghmel xogholu u l-imputat messu obda l-ordnijiet lilu moghtija u mhux irrejagixxa billi offenda u attakka u gidem lill-istess ufficjal pubbliku.

Il-Prosekuzzjoni in kwantu jirrigwarda l-addebitu tar-recidiva esebiet diversi sentenzi (inseriti a fol. 28 sa 50 tal-atti processwali) u d-Difiza ddikjarat li ma kienitx qed tikkontesta l-fatt li dawn is-sentenzi inghataw fil-konfronti tal-imputat odjern. Din l-imputazzjoni ghalhekk ukoll tirrizulta pruvata.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat kemm il-fatt li l-imputat huwa recidiv kif ukoll il-gravita' tar-reati li taghhom huwa qed jinstab hati u jidrilha li fic-cirkostanzi, piena karcerarja effettiva tkun l-aktar wahda idoneja.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tas-17 t'Ottubru tal-2007 b'mod partikolari l-Artikoli 96(a), 95(1), 31, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tat-tieni (2), t-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tal-imputat u tikkundannah hames (5) xhur prigunerija. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjoni.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali l-Qorti torbot lill-imputat b'obbligazzjoni personali taht penali ta' tmien mitt Ewro (€800) ghal zmien tnax (12) il-xahar millum milli jimmolesta jew jivvessa lil CO 52 Patrick Xuereb.

In vista tal-fatt li f'din is-sentenza hawn riportati dettalji dwar is-sahha tal-imputat li l-Qorti jidrilha li huma ta' natura privata l-Qorti qed tordna d-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem l-imputat u tad-dettalji tieghu fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------